MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2038/2003

**Atlas Insurance Agency Ltd in rappresentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghha Michele Peresso Ltd abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi**

**Vs**

**Cassar & Cooper (S&I) Ltd**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-08 ta' Ottubru 2003 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' Lm1496.90 (elf erba' mija u sitta u disghin lira Maltin u disghin centezmu) rapprezentanti ta' valur ta' nuqqasijiet f'merkanzija li giet ikkonsenjata mis-socjeta' konvenuta.

Fl-avviz tat-talba intqal li:-

Peress illi s-socjeta' Michele Peresso Limited inkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex tittrasporta merkanzija lejn Malta u meta l-imsemmija merkanzija giet ikkonsenjata, rrizulta li kien hemm diversi nuqqasijiet.

Peress illi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni relattiva s-socjeta' attrici hallset lill-assigurat taghha is-somma ta' Lm1396.90 oltre ghal Lm100 survey fees u ghalhekk is-socjeta' attrici hija surrogata fid-drtittijiet tal-assigurat taghha.

Peress illi s-socjeta' konvenuta hija ghalhekk debitrici tas-socjeta' konvenuta hija ghalhekk debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf erba' mija u sitta u disghin lira u disghin centezmu (Lm1,496.90), rapprezentanti l-valur tan-nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata tas-socjeta' attrici u ghall-ispejjez tas-survey relattiv, liema konsenja waslet Malta fuq il-bastiment MV CS Champion fl-20 ta' Novembru 2002, liema danni diga' thallsu mis-socjeta' attrici ai termini tal-polza relattiva.

Bl-imghax mit-28 ta' April 2003 u bl-ispejjez kontra l-konvenuta, li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi preliminarjament s-socjeta' attrici u l-assigurat taghha naqqsu milli jottemperaw ruhhom mad-dispost tal-klawsola 6 (4) (G) tal-pattijiet u kundizzjonijiet tal-polza ta' inkariku relattiva ghall-konsenja in kwistjoni li kopja taghha hija hawn annessa bhala Dok. "BAS 1" u ghalhekk it-talba attrici ma tistax tigi sostenuta u ghandha tigi respinta bl-ispejjez;
2. Illi in oltre s-socjeta' attrici u l-assigurati taghha naqqsu ukoll milli jottemperaw ruhhom mad-dispost tal-klawsola 6 (4) (F) tal-pattijiet u kundizzjonijiet tal-polza ta' imkarigu relattiva;
3. Illi fil-mertu it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li:

(i) ma jirrizultax illi l-merkanzija in kwistjoni giet nieqsa waqt li din kienet that ir-responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta; u

(ii) fi kwalsiasi kaz is-socjeta’ konvenuta ma kellha ebda tort jew htija ghar-rigward tan-nuqqasijiet reklamati u ghalhekk ma jista’ jkollha ebda responsabbilta’;
4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess kwalsiasi responsabbilta’ li tista’ tigi determinata hija limitata a tenur tal-polza tal-inkariku relattiva;
5. Illi fic-cirkostanzi ghandha tigi ikkjamata fil-kawza is-socjeta’ Carmelo Caruana Company Limited bhala agenti u in rapprezentanza ta’ Compagnie Maritime d’ Affretemente (CMA) li giet inkarikata mis-socjeta’ konvenuta bil-garr tal-merkanzija in kwistjoni u dan billi huwa importanti u ekonomiku li tigi stabbilita r-responsabbilta’ tal-partijiet involuti f’dan il-kaz f’gudizzju wiehed. Inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost f’kaz li jigi ritenut li s-socjeta’ konvenuta hija responsabbli ghad-danni fil-konfront tas-socjeta’ assikuratrici – kif surrogata fid-drittijiet tas-socjeta’ destinatrici – l-istess socjeta’ konvenuta ghandha dritt ta’ rivalsa fil-konfront ta’ Carmelo Caruana Company Limited nomine;

Ra t-talba tas-socjeta’ konvenuta ghal kjamat fil-kawza tas-socjeta’ Carmelo Caruana Company Limited bhala agenti in rapprezentanza ta’ Compagnie Maritime d’ Affretemente (CMA) bil konvenuta fil hames (5) eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

Ra n-nota responsiva tas-socjeta’ attrici datata l-1 ta’ Dicembru 2003 ai termini tad-digriet datata 24 ta’ Novembru 2003.

Ikkonsidra:
Illi t-talba konvenuta hija bazata fuq l-Att 961-962 tal-Kap 12. Ic-cirkostanzi tat-talba simili ghal din odjena u l-accetazzjoni o meno taghha hija frott ta’ gurisprudenza kostanti u multipla f’merkanzija marittima, aktar u aktar in vista ta’ attivita’ kummercjali b’certa ripetizzjoni fejn il-kwistjonijiet talvolta nassenti ghandhom jigu solvuti bi speditezza, b’mod ekonomiku bil persuni involuti li ghandhom interess ilum prezenti.

Illi matul il-kors taz-zmien, dan l-interess guridiku gie interpretat b'mod kostanti. Aktar u aktar meta l-istitut tal-kjamat fil-kawza gie interpretat u applikat b'mod u manjiera li jinolvu l-partecipanti f'pendenza kellha f'daqqa, meta ic-cirkostanzi huma identici direvati minn okkazzjoni wahda finali ghal kollha u li minnha torigina l-istess konsegwenza. Dan jsir bi skop ta' ekonomija tal-gudizzju, ekonomija bl-ispejjes biex tigi ripetuta l-istess azzjoni gudizzjajara. Aktar u aktar meta ikun fl-interess tal-istess kjamati fil-kawza li jkun urgenti u jipprtecipa fil-proceduri gudizzjarji a tempo vergine.

Illi l-kaz odjenu huwa precizament dan. Veru li l-assikuat tas-socjeta' attrici ma nkarigax lil din is-socjeta' pero' il-merkanzija tieghu giet minnu trasportata u l-gudizzju finali f'dawn il-proceduri immankabilment ser jaffetwaw zgur. F'kazijiet simili il-portatur u/jew il-proceduri ikun partijiet fil-kawza. Wara kollox is-socjeta' attrici ssofri ebda pregudizzju.

Jiddecidi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' konvenuta. Tordna l-kjamat fil-kawza tas-socjeta' Carmelo Caruana Company Limited bhala agenti in rapprezentanza tas-socjeta' estera Compagnie Maritime d' Affretemente (CMA) a konfini taghha.

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------